MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2001

Numru 1/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**

**vs**

**Eleonora Borg ta' 26 sena, bint Saviour u Anna nee Muscat, imwielda Pieta' fit-28 t'Ottubru, 1974, li toqghod 215, Triq il-Kampanella, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 519874(M).**

**Maria Sciculna ta' 42 sena, mart Gwido, bint Carmelo Genovese u Carmela nee Cassar, imwielda Rahal Gdid fit-22 ta' Awissu 1958, li toqghod Maria-Assunta, Triq Wilga, Ghaxaq, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 598758(M).**

**Maria Gerada ta’ 24 sena mart John, bint John Micallef u Emanuela nee Alamango, Mwielda Tarxien, fl-24 ta’ Settembru, 1976 u li toqghod 124, Dockyard Street, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 483076(M).**

**Illum 12 ta’ Marzu, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Eleonora Borg, Maria Scicluna, Maria Gerada li gew akkuzati talli fil-25 ta’ Novembru, 2000 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda, u cioe talli:

Mill-Price Club Supermarket sitwat Luqa Road, Rahal Gdid, ikkommettew serq ta’ oggetti ta’ l-ikel u ta’ affarijiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-persuna u li sar ghad-detriment tas-sidien ta’ l-istess stabbiliment.

Talli fl-istess perjodu, f’Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-imputati wiegbu li huma hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u li ma kellhom ebda oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ukoll li l-akkuzati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom fi zmien bikri ta' dan l-iter kriminali.

Rat il-Fedina Penali taghhom li hija netta.

In vista ta' l-ammissjoni qeghda ssibhom hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u dan wara li rat l-artikoli 18, 261(c), (d), 267, 268, 279, 20 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dwar il-piena kkunsidrat dak kollu hawn fuq premess, bla ma trid b'xi mod timminimizza r-reat kommess minn dawn l-akkuzati pero' ma tqisx li piena karcerarja hija wahda idonea. Ghaldaqstant rat l-art 9 tal-Kap 152 u qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tliet snin mil-llum.

Il-Qorti spjegat lill-akkuzati l-obbligazzjonijiet taghhom taht tali liberazzjoni u s-sinifikat ta' l-istess ai termini tal-Kap 152.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.